## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 15 ta' Gunju, 2016**

Talba Numru: 167/2013JB

Numru: 1

**Joseph Rizzo (K.I.: 492263M)**

**vs**

**William Mallia (K.I.: 133887M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-25 ta' Marzu 2013, li permezz tieghu l-Attur talab li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, erba' mija u wiehed u tletin euro u erbatax-il centezmu (€1,431.14) u dan wara li ppremetta li fl-20 ta' Frar 2011 ghall-habta tal-9.50am gewwa Vjal il-21 ta' Settembru fin-Naxxar, waqt li kien qieghed fuq il-bankina lemah karozza tat-tip Citroen bin-numru ta' registrazzjoni JAH634 li kienet misjuqa mill-Konvenut u li kienet fil-kantuniera u wara ftit bdiet gejja ghal fuqu intenzjonalment u li b'konsegwenza ta' hekk huwa ttajjar. Ippremetta wkoll li l-Konvenut gie mharrek quddiem il-qrati ta' kompetenza kriminali. Ippremetta wkoll li minhabba f'dan l-incident l-Attur ma setax imur ghax-xoghol bejn il-21 ta' Frar 2011 u l-21 ta' April 2011, ghal-liema telf ta' xoghol l-Attur ma thallasx fl-intier u li minkejja li l-Konvenut gie interpellat ghall-hlas tad-danni sofferti, baqa' moruz. Talab ukoll l-ispejjez tal-ittra ufficcjali mibghuta *ai termini* tal-Art. 166A tal-Kap. 12 u l-imghaxijiet;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-29 ta' April 2013 (a fol 3);

Ra li l-Konvenut, debitament notifikat (a fol 4), laqa' ghal din l-azzjoni billi nhar id-29 ta' April 2013 ipprezenta risposta (a fol 5) li permezz taghha eccepixxa dan li gej:

1. It-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt billi mhuwiex minnu illi l-incident imsemmi fl-Avviz gara intenzjonalment izda minhabba cirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom;

2. It-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-eccipjenti ma kkaguna l-ebda dannu lill-Attur u dan kif se jirrizulta ampjament fit-trattazzjoni tal-kawza;

3. It-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt billi lanqas ma huwa minnu li l-Attur ma setax imur ghax-xoghol fid-dati indikati minnu fl-Avviz minhabba l-incident in kwistjoni;

4. It-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-Attur ma sofra ebda telf ta' xoghol kif minnu allegat u f'kull kaz, jekk sofra xi telf ta' xoghol, li ma giex lilu rifuz, dan certament ma jahtix ghalih l-eccipjenti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra n-noti ta' osservazzjonijiet prezentati mill-partijiet;

Ikkunsidra;

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda danni allegatament sofferti mill-Attur b'konsegwenza ta' incident awtomobilistiku meta intlaqat minn vettura li kienet misjuqa mill-Konvenut. L-Attur jghid li l-akkadut kien frott ghemil volontarju, il-Konvenut jichad dan u fl-ewwel eccezzjoni tieghu (ghad li ma jichadx li sehh l-incident) jghid li dan gara "*minhabba cirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom.*" Fil-bqija tal-eccezzjonijiet, il-Konvenut jilqa' ghall-azzjoni attrici billi jghid li ma kkaguna l-ebda dannu lill-Attur, li mhuwiex minnu li l-Attur ma setax imur ghax-xoghol fid-dati indikati minnu minhabba l-incident *de quo* u f'kull kaz, jekk sofra xi telf ta' xoghol, li ma giex lilu rifuz, dan certament ma jahtix ghalih l-eccipjenti. Ghalhekk dawn it-tliet eccezzjonijiet se jigu trattati flimkien.

It-Tribunal ghalhekk se jghaddi sabiex jitratta l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li fil-gurnata msemmija fl-Avviz, l-Attur kien qieghed jimxi fuq il-bankina meta l-Konvenut, waqt li kien qed isuq il-vettura indikata fl-Avviz, tela' fuq il-bankina u laqat lill-Attur f'saqajh. Jidher li mad-daqqa sehhet hsara fuq il-windscreen tal-vettura (kif jidher fir-ritratt a fol 11). L-Attur, fix-xhieda tieghu (a fol 9) jghid li mad-daqqa "*gholejt fl-arja u infqajt gol-*windscreen *u fis-saqaf u spiccajt quddiem il-karozza mal-art.*" Izid jghid li l-Konvenut malli rah mal-art, hareg mill-vettura u qallu li kien pattihielu talli l-Attur kien baraxlu l-karozza. Min-naha tieghu, il-Konvenut meta xehed bil-procedura tal-affidavit (a fol 83) stqarr li waqt li kien qieghed isuq il-vettura "*telqitli lejn ix-xellug u telghet fuq il-bankina minn parti baxxa hafna li kienet intiza sabiex jitilghu il-karozzi ghal gewwa xi* garage. *Jien ippruvajt inzomm il-*brake *imma ma tantx irnexxieli ghaliex inhsadt.*" Jikkonferma li laqat lill-Attur minn wara u dan spicca fil-*windscreen*.

Issa fil-waqt li l-partijiet qeghdin jaqblu li kien hemm incident fejn il-Konvenut tajjar lill-Attur bil-karozza, il-Konvenut qieghed jghid li mhuwiex responsabbli ghad-danni talvolta

sofferti billi l-incident kien frott "*cirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom*" u kwindi qed jeccepixxi li l-event dannuz kien kaz fortuwitu. Dwar din l-eccezzjoni, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza tas-27 ta' Gunju 2003 fl-ismijiet "Brian Valenzia *noe vs* Joseph Camilleri *noe*", fuq l-iskorta ta' gurisprudenza aktar antika, irriteniet kif gej:

> L-ewwel sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta appellanti hija bazata fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 1029 tal-Kap. 16 fejn jinghad li 'Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew beni tieghu tigri l-hsara.' Izda kif sewwa osservat l-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Carmelo Micallef *vs* Brigadier John Belle" (7 ta' Frar, 1953 p. Imh. A. Magri) 'Il-koncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, posittiv jew negattiv, tal-bniedem. Skond il-principji tad-Dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-*bonus pater familias*'. Isegwi li jekk jirrizulta xi nuqqas tal-bniedem din l-eccezzjoni ma tistax tirnexxi.

Illi hu ben risaput li l-prova tal-kaz fortuwitu tmiss lil min jallegaha u cjoe lill-Konvenut. Fil-fehma tat-Tribunal, il-Konvenut ma gab l-ebda prova ghajr li stqarr li l-vettura telqitlu lejn ix-xellug u telghet fuq il-bankina. Fil-fehma tat-Tribunal, tali stqarrija mhijiex attendibbli u lanqas li kien minnu dak li qed allegat, tali cirkostanzi ma kienux jikkostitwixxu avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-*bonus pater familias.* Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

Ikkunsidra;

Illi sorvolata l-ewwel eccezzjoni jmiss li tigi deciza l-kawza fil-mertu u cjoe fejn l-Attur qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' €1,431.14 in linea ta' risarciment ta' danni sofferti b'konsegwenza tal-incident fil-waqt li l-Konvenut qieghed jghid li ma kkaguna l-ebda dannu lill-Attur, li mhuwiex minnu li l-Attur ma setax imur ghax-xoghol fid-dati indikati minnu minhabba l-incident *de quo* u f'kull kaz, jekk sofra xi telf ta' xoghol, li ma giex lilu rifuz, dan certament ma jahtix ghalih l-eccipjenti.

Illi minn ezami tal-provi jirrizulta li matul l-2010 u l-2011, anke minhabba cirkostanzi li jmorru lil hinn mill-kaz in dizanima, l-Attur ikkonsma kemm il-*leave* tal-mard kollu kif ukoll il-*leave* minhabba mard fuq nofs paga.

Meta xehed John Visanich (a fol 28) stqarr li hu jahdem fid-Dipartiment tar-Rizorsi Umani gewwa l-Freeport, fejn hu impjegat l-Attur. Hu spjega li l-Attur kien hareg bil-*leave* tal-mard f'Awissu 2010 wara li kien waqa' bis-sellum. Jghid li sa fejn jaf hu, meta sehh l-incident mertu tal-odjerna kawza, kien wasal biex jidhol lura ghax-xoghol wara l-ewwel incident. Minn dokument ipprezentat mill-istess xhud (a fol 30) jirrizulta li sa mill-bidu tal-2001 sal-14 ta' Frar 2011, l-Attur kien fuq *sick leave.* Imbaghad mill-15 ta' Frar 2011 sat-28 ta' Marzu 2011 kien fuq *sick leave* b'nofs paga sabiex imbaghad mid-29 ta' Marzu 2011 sal-21 ta' April 2011 kien fuq *unpaid sick leave*. Minn certifikati esibiti mill-istess xhud, jidher li matul dan il-perjodu kienu qeghdin jinhargu certifikati tal-mard. A fol 59 jinsab certifikat mediku rilaxxjat nhar il-15 ta' Frar 2011 fejn jinghad li l-perjodu tal-konvalexxenza kien wiehed miftuh. Imbaghad a fol 60 jinsab certifikat mediku rilaxxjat dak in-nhar tal-incident mit-Tabib Julian Mamo fejn jinghad li minhabba l-griehi li sofra meta ttajjar, l-Attur hu "*unable to attend wrok for the coming days.*"

Dr Pierre Chircop xehed (a fol 76) li hu t-tabib principali tal-Freeport. Jghid li fil-perjodu meta sehh l-incident in dizanima, l-Attur kien ikkonvalixxa sew ghad li jistqarr li ma regax invistah wara l-incident mertu tal-kawza odjerna. A fol 79 tinsab esibita nota b'dokument li

jissejjah affidavit tal-istess tabib, liema dokument mhuwiex guramentat kif imiss u kwindi t-Tribunal mhux se jiehu qies tieghu.

Il-Konvenut meta xehed bil-procedura tal-affidavit (a fol 82) stqarr li hmistax wara d-data tal-incident *de quo* u tlitt gimghat wara, huwa ra lill-Konvenut jahdem bhala *security* fi stabbilimenti kummercjali. Dan il-fatt ma gie kontradett bl-ebda mod anke ghaliex il-Konvenut ma giex kontro-ezaminat (verbal a fol 96).

Ikkunsidra;

Illi jrid jinghad li l-provi prodotti mill-Attur huma mankanti hafna. Meta xehed l-Attur, huwa ddeskriva l-incident u qajla ta dettalji dwar il-konsegwenzi. Inoltre, t-tabib li kkurah wara l-incident *de quo* ma giex prodott. Irid jinghad ukoll li ghad li r-rapprezentant tal-principal tal-Attur xehed u pproduca ghadd ta' dokumenti, mhuwiex facli sabiex jigi determinat l-ammont bi precizjoni li tieghu qed jintalab ir-rizarciment.

Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Tonna *vs* Philip Azzopardi" deciza fit-12 ta' April, 2007 irriteniet li fis-sistema taghna, ir-regoli l-aktar prevalenti dwar il-provi jidher li huma dawn:

> Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*).[1]
>
> Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'.[2]
>
> Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti a bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

Naturalment, il-valutazzjoni tal-provi tmiss lill-gudikant li ghandu d-diskrezzjoni li japprezza r-rizultanzi probatorji u li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli.

Fil-kaz odjern madankollu, wiehed irid iqis li l-proceduri odjerni qeghdin jittiehdu quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar u ghalhekk huma regolati, principalment, bid-dispozizzjonijiet tal-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380). Skond id-dispozizzjonijiet tal-imsemmi Att, fil-waqt li t-Tribunal huwa marbut bid-dettami tal-gustizzja naturali, "*għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun*

---

[1] *Vide* f'dan is-sens "Francesca Mallia *vs* Salvatore Guillaumier" deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Jannar, 1962 (Koll. XLVI.i.5)

[2] *Vide* f'dan is-sens "Joseph Zammit *vs* Joseph Hili" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju, 1953 (Koll. XXXVII.i.577)

*biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqtal-każ li jkun qed jittratta*."[3] Fuq kollox, it-Tribunal huwa kostrett li jiddeciedi t-talbiet li jkollu quddiemu skond l-ekwita'.[4]

Ikkunsidra;

Illi l-ligi taghna fl-Art. 1045 tal-Kodici Civili, trid li d-danni li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għalihom, huma t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, jew ahjar id-*damnum emergens*, u t-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib, jew ahjar il-*lucrum cessans*.

Issa mill-atti jidher car li l-uniku risarciment li qieghed jitlob l-Attur jidher li jkopri dik il-parti tal-paga li ma thallasx ghaliha minhabba li kien ikkonsma s-*sick leave* li kellu. Il-Konvenut jghid li hu ma jahtix ghall-fatt li l-Attur kien wegga' precedentement. Jghid li l-Attur kien qieghed jahdem bhala *security* waqt li suppost kien marid. Mill-provi prodotti mill-istess Attur jirrizulta wkoll li ghad li hu minnu li l-Attur irritorna ghax-xoghol xahrejn wara l-incident *de quo*, fil-gurnata meta sehh l-incident hu kien ghadu fuq *sick leave* minhabba griehi sofferti precedentement.

Illi t-Tribunal ma jqisx li ghandu jabbraccja l-argument tal-Konvenut li ma kkaguna l-ebda dannu lill-Attur u ghalhekk se jichad l-eccezzjonijiet li jifdal. Fil-fehma tat-Tribunal, anke jekk l-Attur ghamel xi xoghol iehor wara l-incident *de quo* (fatt mhux kontestat), mhemmx dubju li wara incident bhal dak mertu tal-kawza (li d-dinamika tieghu mhijiex in kontestazzjoni), il-konvalexxenza tieghu ttawwlet xi ftit bir-rizultat li dan ma setax jirritorna ghar-rutina normali tieghu. Naturalment, it-Tribunal huwa adit jiddeciedi a bazi tal-provi li ghandu quddiemu.

Kunsidrati l-fatturi kollha hawn fuq imsemmija, it-Tribunal ma jqisx li ghandu jilqa' t-talba kif dedotta u fic-cirkostanzi – gwidat mill-principji tal-ligi li tirregola dan it-Tribunal – sejjer jiddeciedi a bazi ta' ekwita u konsegwentement iqis li risarciment ta' tmien mitt euro (€800) fic-cirkostanzi jkun sufficjenti. Ghalhekk, sejjer jilqa' t-talba attrici limitatament ghal din is-somma.

Ikkunsidra;

Illi dwar spejjez, it-Tribunal iqis li gjaladarba l-Konvenut huwa responsabbli ghall-incident *de quo*, dan ghandu jbati l-ispejjez.

Madankollu, ghad li fl-Avviz tissemma ittra ufficcjali mibghuta *ai termini* tal-Art. 166A tal-Kap. 12, mill-atti processwali ma tirrizulta ebda prova taghha kif lanqas ma jirrizulta imqar numru tal-ittra u kwindi mhux se jittiehed qies tal-ispejjez taghha.

Ikkunsidra;

Illi fejn imiss ma' imghaxijiet, gjaladarba t-talba ma gietx milqugha fl-intier taghha, it-Tribunal sejjer jordna li l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mil-lum.

---

[3] Art. 9(2)(b) tal-Kap. 380
[4] Art. 7(1) tal-Kap. 380

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Konvenut, jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' tmien mitt euro (€800) bl-imghax mil-lum. Spejjez ta' din il-kawza jkunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Mary Josette Musu'
*Deputat Reġistratur*